# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fontana

Is-Seba' Leġislatura

**Laqgħa numru 12**

**27 ta' Settembru 2017**

Il-Kunsill Lokali tal-Fontana ltaqa' fis-Sala tal-Komunita' li tinsab fi Triq Ta' Mulejja fil-3.00pm.

**PREŻENTI:**

Saviour Borg – Sindku
Victor Cefai – Viċi Sindku
Carmel Farrugia – Kunsillier
Mario Mercieca – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Heidi Grech – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

### 12.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġiji

12.1.1 Inqrat l-ittra ta' Apologija mibgħuta mill-Kunsillier Horace Micallef fejn talab sabiex l-assenza tiegħu tiġi skużata minħabba impenji urġenti li ma kellux kontroll fuqhom. Is-Sindku Saviour Borg ippresieda l-laqgħa.

### 12.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

12.2.1 Il-membri qablu li nżidu dak li ntqal dwar l-applikazzjoni numru PA/01994/17 li tinvolvi l-bini ta' kamra fi Triq ix-Xlendi. Il-Kunsill imbagħad approva unanimament il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill tat-23 ta' Awwissu 2017.

### 12.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

Mis-Sindku Saviour Borg:

12.3.1 Wara li ħareġ il-permess, twaħħlet il-mera fi Triq l-Isptar San Giljan mal-ħajt ta' Mons Ruzar Borg, b'hekk twettaq is-suġġeriment ta' Christopher Farrugia. Dan wara li konna ktibnilu ittra fejn informajna lil Mons Borg li ser titwaħħal mad-dar tiegħu u la ma kitbinilx lura, allura ma kien sab l-ebda oġġezzjoni.

12.3.2 Inxtraw 3 tappieri għat-toqob li saru fi Triq Ta' Mulejja għan-nar tal-art. Inżabbru wkoll żewġ siġriet tal-ħarrub ta' Triq il-Kardinal Alessandro Franchi minn Neville Mercieca, wara li ħareġ il-permess mill-ERA.

12.3.3 Inbena l-ħajt tas-sejjieħ tul ta' tliet metri ħdejn l-Ghajn il-Kbira mill-ħaddiema tas-CMU. Dan wara li kien issemma fil-laqgħa mal-Ministru għal Għawdex, l-Onor Justyne Caruana. Saru u twaħħlu żewġ tabelli tat-traffiku ta' Triq il-Qalb ta' Gesu, minflok dak li kien hemm.

12.3.4 Dwar is-sistema ta' drenaġġ għar-residenza fi Triq John Gaspard le Merchant fejn qed tinbena l-aħħar 35 metru tat-triq, kienet saret laqgħa fuq il-post bejn l-Inginier Camilleri mill-WSC, l-Perit Johan f'isem il-Kuntrattur u l-Perit Bezzina f'isem il-Kunsill fil-preżenza tas-Sindku. Is-Sindku għamel proposta li din ir-residenza tqabbad mar-residenza ta' ħdejha, li huma fi blokk wieħed, u għalhekk ma kienx hemm bżonn li jsiru aktar spejjeż.

12.3.5 Is-Sindku semma li rridu napplikaw għad-dawl taz-*zebra crossing* ta' Triq il-Kappillan Hili. Iċċekja ma' Chris Gauci u ġie nfurmat li l-ewwel iridu jitwaħħlu u mbagħad issir l-applikazzjoni. Il-Kunsillier Mario Mercieca irrimarka li tajjeb li naraw jekk hemmx bżonn titbaxxa l-bankina, għaliex naħa minnhom hija għolja. Ghalhekk qabel issir trid titbaxxa l-bankina.

12.3.6 Is-Sindku semma li hemm talba biex isiru sinjali sofor f'tarf Triq Wied Siekel fuq in-naħa tax-xellug, fejn tmiss ma' Triq il-Ghajn. Dan ghaliex meta jkun hemm il-karozzi pparkjati, wieħed qiegħed isibha diffiċli sabiex jikser għal Triq il-Ghajn.

12.3.7 Is-Sindku semma li ltaqa' mall-Perit Gordon Vella fejn ġie diskuss il-bejt tat-tieni fażi taċ-Ċentru Ċiviku biex isir il-*liquid membrane* u ġie ssuġġerit li dan għandu jinbarax u jinżebagħ bil-*membrane*. Is-Sindku ppreżenta stima mingħand Mario Gauci fejn qed jistma li x-xogħol ta' brix jiġi jiswa madwar €150 filwaqt li spejjeż għax-xogħol ta' żebgħa jiswa €450. Dan ġie rekommandat minn Ray Attard ta' RA & Sons minn fejn ser jinxtara il-*liquid membrane* skond rakommandazzjoni tal-Perit Vella. Is-Sindku żid jgħid li hemm bżonn noħorġu l-offerta biex dan il-bejt isir bil-Porfido issa li ser isir il-*membrane* u l-appell tal-Gozo Concrete Products ġiet iddikjarata *null* kif ukoll wara li tlabna biex isir mill-fondi tal-Eko Għawdex u bqjna bla risposta. Il-Perit infurmana li ġaladarba l-bejt huwa *hardstone*, ma hemmx għalfejn napplikaw għal tibdil fl-applikazzjoni tagħna. Il-membri qablu li għandna mmexxu bix-xogħolijiet.

12.3.8 Is-Sindku irrimarka li reġa sar vandaliżmu u tkisser l-injam tat-*tunnel* li jinsab fl-istess *playingfield*. Żid jgħid li l-ispecifications tal-cameras dalwaqt se jkunu lesti u ġaladarba dawn ikunu f'idejna għandna nmexxu sabiex toħroġ is-sejħa għal offerti. Il-membri qablu li għandna noħorġuha kemm jista' jkun malajr ħalli forsi ma jsirx aktar ħsara lill-apparat tal-*playingfield*. Dawn għandhom jissewwew pero' nistennew sakemm jitwaħħlu s-*security cameras*.

12.3.9 Hemm bżonn li jinbidlu tabelli tat-traffiku qodma li jipprojbixxu l-parkeġġ li jinsabu mill-knisja l'fuq fi Triq il-Għajn. Dan għaliex bjadu ħafna u għalhekk għandha ssir talba lid-Dipartiment tal-Proġetti u Żvilupp, li hu responsabli minnhom.

12.3.10 Is-Sindku semma li flimkien mas-Segretarja attendew għal-laqgħa li saret fil-Ministeru Għal Għawdex dwar il-ġbir tal-iskart f'Għawdex.

12.3.11 Is-Sindku ppropona lill-Kunsill li toħroġ l-offerta biex isir ix-xogħol tat-tarmak fi Triq il-Ghajn bejn Pjazza Sant Wistin u Triq il-Kappillan Guzepp Hili. Dan għar-raġuni li għalkemm il-laqgħa mal-Ministru għal Għawdex l-Onor Justyne Caruana ilha li saret aktar minn xahrejn, għadna bla risposta. Huwa ppropona li l-Ministru tiġi nfurmata bil-miktub dwar id-deċiżjoni tal-kunsill. Il-Kunsill qabel.

12.3.12 Is-Sindku ppropona li nibdew il-proċess sabiex jinbena il-ħajt tas-sejjieħ minflok dak tal-kantun fejn sar it-tindif u riabilitazzjoni tal-Wied tax-Xlendi bil-ġebel tas-sejjiegħ, dan

kien wieħed mill-proposti tal-proġetti ta' Eko Għawdex li l-kunsill aktar minn xahrejn ilu ressaq fil-laqgħa mal-Ministru għal Għawdex u baqa' bla risposti. Għandna nkellmu lill-Perit Saliba, li kien il-perit tal-Kunsill sabiex japplika għal permess minħabba li hemm hekk huwa fiż-żona Natura 2000. Il-Kunsill qabel.

12.3.13 Is-Sindku semma li snin ilu meta twaqqaf id-dipartiment tal-Eko Ghawdex kien għamel proposta li jsir *generator* fil-*pumping station* tal-Lunzjata. Huwa qal li ġie nfurmat mill-Enġinier Camilleri tal-WSC li dan l-aħħar sar wieħed. Għalhekk meta ma jkunx hemm dawl elettriku, id-drenaġġ ma jmurx fil-Wied. Meta kien qed isir il-*generator* twaqqa' xi *cement* fuq il-passaġġ tal-ġebla tal-qawwi li kien għamel il-kunsill.. Għalhekk, is-Sindku issuġġerixxa li niktbu lill Inġinier Camilleri sabiex jibgħat lil xi ħadd jiborxu.

12.3.14 Is-Sindku ppropona li ngħamlu mappa tal-konfini tal-Fontana u l-postijiet ta' interess li għandna Għalhekk għandna nagħmlu kuntatt ma' kumpanija li dan l-aħħar offriet dan is-servizz lill-kunsill. Din tkun tista' titwaħħal l-isfel mill-knisja. Il-membri qablu li għandna niktbulhom.

12.3.15 Tkissret *bollard* milli waħħalna fi Pjazza l-Ghejjun ħdejn l-Għajn il-Kbira. Għalhekk il-kunsill qabel li ssir oħra.

12.3.16 Is-Sindku semma li applikajna għal skema li rċevejna mid-DLG sabiex jitnaddfu l-widien, fejn applikajna biex jitnaddaf Wied il-Lunzjata u Wied tas-Saqwi. Huwa ħa ħsieb li jittieħdu ritratti ta' kif inhuma u ħejja l-pjanti. Għal darb' oħra ġejna nfurmati li din l-iskema tapplika biss għal Malta u.għalhekk infurmawna sabiex nirreferu t-talba tagħna lill-Ministeru Għal Għawdex.

12.3.17 Is-Sindku semma li l-ħarġa ppjanata għall-Armier fil-Mellieħa ġiet imħassra minħabba li 8 biss applikaw.

12.3.18 Is-Sindku semma li saret l-attivita' tas-16 ta' Settembru mill-Kummissjoni Żgħażagħ Fontana fejn il-kunsill lanqas ġie mistieden, minkejja li ta s-sala tal-komunita' mingħajr ħlas u ta l-permess li tingħalaq Triq Ta' Mulejja għal diversi siegħat wara nofsinhar, kif ukoll l-anqas ma l-kunsill nagħta programm tal-attivitajiet minkejja li ġie mitlub wieħed. Għal din l-attivita' kienet preżenti l-Ministru Għal Għawdex, l-Onor Justyne Caruana.

12.3.19 Semma li hemm bankina ħdejn id-djar b'numru 40, 41, 42, 43 fi Triq l-Isptar San Ġiljan fejn hemm medda ta' 20 metru li għandha bżonn titranġa. Il-Kunsillier Mario Mercieca talab li ma ġenb ta' San Andrea Court hemm ukoll biċċa bankina nieqsa, propju quddiem binja wieqfa, li tajjeb ukoll li titkompla. Il-membri qablu li mmexxu t-talba tagħna lic-CMU, peress li din it-triq taqa' taħt ir-responsabilta' tad-Dipartiment tal-Proġett u Żviluppi.

12.3.20 Saret korrispondenza dwar tkissir ta' tappiera ta' drenaġġ fi Triq il-Ghajn ħdejn id-dar 79 u għalkemm għaddew madwar 12-il jum, is-sindku semma li l-bankina ta' Triq il-Għajn

għada mkissra u ma ttieħdet l-ebda azzjoni mill-Ministeru Għal Għawdex, minkejja nġibdet l-attenzjoni tal-*Intervention Unit*. Għalhekk is-Sindku ssuġġerixxa li nagħlquha bis-cement għaliex se jkun kaġun li jweġġa xi ħadd.

12.3.21 Dwar korrispondenza li rċevejna mingħand l-Onor Robert Cutajar, kelliem dwar il-Gvern Lokali tal-Oppożizzjoni s-Sindku qal li għandna nistiednuh għal laqgħa.

12.3.22 Is-Sindku informa lill-membri li ġie nfurmat mill-avukat Jean Paul Grech li l-permess tal-PA Numru PA/06736/16 tal-Fontana Cottage Industry ħareġ. Kemm il-Perit kif ukoll l-Avukat naqqsu milli jaraw il-korrispondenza u għalhekk il-Kunsill, li ma ġiex infurmat, tilef iċ-ċans li jattendi għall-Bord tal-Awtorita tal-Ippjanar li sar fid-19 ta' Settembru. Fid-dawl ta' dan, is-Sindku ippropona li niktbu lill-Perit Bezzina u lill-Avukat Grech sabiex nuru li l-Kunsill jħossu urtat bil-mod ta' kif ġraw l-affarijiet. Il-Kunsill qabel unanimament li għandna nappellaw minn din id-deċiżjoni.

12.3.23 Fejn qed issir l-offerta tal-Kunsill fi Triq John Gaspard le Merchant qed toqrob sabiex tkun lesta. Il-Perit Bezzina talab lill-kuntrattur sabiex itina stima tal-bankina, għal wiċċ bil-*paving blocks* peress li l-kurdun hija lesta, pero' din it-talba ma kienetx approvata mill-kunsill. Il-Kunsill qabel li għandna nitolbu l-istimi aħna sabiex jinxtraw l-*paving blocks* u nqabdu lil min ipoġġiha. Is-Segretarja żiedet li tajjeb li wieħed isemmi li l-ispiża żdiedet b' (5,773.61)ħames t'elef sebgħa mija tlieta u sebgħin ewro u wieħed u sittin ċenteżmu li jkopru spejjeż ta' taħmil li l-Perit ma ħasibx għalihom fl-offerta. Il-kunsill kien qabel li dan ix-xogħol għandu jsirm. Kopja ta' din l-istima ġiet ppreżentata lill-membri kif ukoll qegħda tiġi mehmuża ma' dawn il-minuti.

Mill-Kunsillier Mario Mercieca:

Il-Kunsillier Mercieca semma li hemm toqba mal-kantuniera ma' Triq il-Ġdida li għandha bżonn titranġa għaliex minkejja li ntefagħlha t-tarmak, it-toqba reġgħat bdiet nieżla. Il-Kunsill qabel li għandna ninfurmaw lill-Intervention Team sabiex titranġa kemm jista jkun malajr u nevitaw il-problema li nsibu jekk din terġa ssir ħofra.

Il-Kunsillier Mercieca ressaq l-ilment li d-dwal baqgħu ma ġewx mibdula. Qed jgħid li dan irraportha fit-28ta' Awwissu u baqgħat ma tranġatx. Kompla jgħid li sew l-bozza ta' quddiem tiegħu u sew ta' quddiem Tonina għadhom ipetptu. Il-Kunsillier Carmel Farrugia semma wkoll li hemm oħra ġo Wied Siekel li ma hiex tixgħel. Is-Segretarja reġgħat ċemplet lil Chris Gauci li jieħu ħsieb it-tiswija tal-bozoz sabiex dawn jitranġaw minnufih.

Rimarki mis-Segretarju Eżekuttiv:

Is-Segretarja issuġġeriet li tinxtara magna żgħira tal-ilma bħal tal-H2 only biex tintuża fl-uffiċċju. Il-kunsill qabel li tinxtara.

Irċevejna mingħand s-Segretarju Parlamentari għal Persuni b'Diżabilta u Anzjanita' Attiva sabiex il-kunsill jinnomina xi anzjani mil-lokalita' għall-Premju, Anżjanita Attiva.

Ressqet fuq il-mejda stima u *drawings* kif preparati mil-Perit Gordon Vella sabiex inħarġet l-istima. L-membri qablu li dan ix-xogħol għandu jsir.

Irċevejna sabiex nagħtu data sabiex niltaqgħu mal-Lesa u GRTU. Fuq stedina mid-DLG, l-Kunsill ressaq id-diffikultajiet finanzjarji tiegħu fejn spjega li l-ammont li ningħataw għall-manutenzjoni tal-latrina pubblika kif ukoll għat-tisbiħ u żamm ta' ġonna pubbliċi hija ftit wisq. Dan meta wieħed isemmi li l-ammont kollu kważi se jintuża għal-latrina pubblika. Żidna ngħidu wkoll li l-ammont li ningħataw għal-knis tat-toroq kif ukoll għall-manutenzjoni tat-toroq hija fqira wisq. Tajjeb li wieħed isemmi li l-vot allokat għall-manutenzjoni tat-toroq kważi intuża kollu sabiex sar xogħol ta' tiswija fi triq waħda Triq il-Kappillan Guzepp Hili.

Irċevejna mill-Ministeru għal Għawdex sabiex nagħtu d-dati ta' xi attivitajiet li se jsiru fil-lokalita' tagħna fi zmien il-Milied. Irċevejna wkoll mingħand Dr. Joseph Bezzina sabiex jekk jixtieq il-Kunsill jixtri l-ktieb dwar l-istorja taċ-Ċittadella bi prezz sussidjat ta' 65ewro. Il-membri qablu li dan għandu jinxtara.

Irċevejna l-aġenda u l-formoli għal-laqgħa Plenarja li se ssir fit-30ta' Settembru. Il-membri kollha kienu ġew notifikati u ser jattendi l-Kunsillier Horace Micallef.

Irċevejna mingħand id-Dipartiment tat-Transport fejn il-Kunsill ġie notifikat li ma jistgħux joħorġu permessi biex tingħalaq jew isiru xi interventi f'xi triq bejn is-07.00 u d-9.00a.m.

Is-Segretarja nfurmat lill-membri li waslu l-permessi sabiex isiru l-linji s-sofor quddiem garage '49' Triq l-Isptar San Ġiljan kif ukoll fuq iz-żewġ naħat tal-propjeta 'Qalb ta' Ġesu' Triq l-Isptar San Ġiljan. Dawn diġa saru.

Talba mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali sabiex kull kunsill jibgħat rappreżentant għal-laqgħa ta' konsultazzjoni li se ssir fit-2 ta' Ottubru 2017. Il-membri qablu li din għandha ssir ġewwa Għawdex.

Is-Segretarja nfurmat lill-membri li rċevejna l-ħlas mill-Wasteserve dovut lilna għax-xhur ta' Ottubru, Novembru u Diċembru 2016.

Ġbarna t-tabelli ta' Fontanella Gardens minn għand Gozo Pottery Barn.

Is-Segretarja infurmat lill-membri li llum irċevejna imejl mingħand Accord Insurance Brokers fejn infurmana li l-insurance tal-propjeta ser tagħlaq jumejn oħra. Irriżulta li kien qiegħed jibgħat ir-'renewal notices' fl-address tal-Kunsill il-qadim u għalhekk ma kienux

qegħdin jaslu għandna. Għalhekk il-membri kollha qablu li għandna nġeddu din l-assigurazzjoni minnufih.

Il-membri ġew infurmati li ċ-ċekk numru 7044 datat 7ta' April 2016 u li kien indirizzat lil Dr. Joseph Bezzina ma kienx ġie msarraf u għalhekk ġie preżentat lura. Dan kien ħlas għal xogħol fuq rivista tal-Kunsill Ġunju u Diċembru 2015. Għalhekk il-membri qablu li għandu jerġa joħroġ ċekk ieħor li jkopri dan il-ħlas.

Imejl dwar 'Shade it in Pink', fejn ġejna nfurmati li c-Chairperson tal-Marigold Foundation li hija s-Sinjura Muscat se żżur il-lokalita tagħna fis-6 ta' Ottubru madwar id-9.00pm. Dan peress li l-kunsill ser jieħu sehem billi tinxgħel, bil-kulur roża, il-faċċata tal-ewwel fażi taċ-Ċentru Ċiviku. Tul ix-xahar t'Ottubru s-Sindku ser jieħu ħsieb li jixgħelhom u jiftihom.

Fil-bulettin, il-Kappillan semma li l-Kunsill ftit li xejn għen fl-attivita' tal-Isports Fest. Is-Segretarja reġgħat tenniet li ktibnilu kemm il-darba fejn għamilna referenza għaċ-Ċirkulari moħruġa mid-Dipartiment u għalhekk il-kunsill ma jistax iħallas għall-attivitajiet li mhumiex tal-Kunsill. Assolutament ma hux ġust li l-Kunsill tpoġġa f'dell ikraħ meta l-Kunsill ma kellu ebda intenzzjoni li ma jgħinx. Wieħed jista jsemmi x'tajna lill-parroċċa matul din is-sena. Il-*floodlights* tal-Kampnar, it-toqob tal-logħob tan-nar flimkien mat-tappiri li ġew jiswew €250 l-waħda, il-*feature* li ġie jiswa €500, il-*printer* għal użu tal-Parroċċa u l-Kommunita, l-permess biex jagħlqu t-triq għall-attivita'tal-Isports Day u anka s-sala għal isports Day.

Dwar il-panelli s-Segretarja semmiet li l-kontijiet ma humiex jiġu bi kreditu u għalhekk kopja tal-kontijiet intbagħtu lill-Inġinier għal verifikazzjoni tagħhom. Il-Kunsillier Mario Mercieca semma li hemm wkoll pannella mkissra. L-Inginier se jiġi notifikat dwarha sabiex nieħdu l-passi neċessarji. Is-Segretarja pproponiet u l-membri qablu li ġaladarba jinxtraw l-a/c's għas-sala, jinxtara wieħed ġdid għal uffiċċju wkoll. Dan għaliex hu qadim ħafna u allura jaħli aktar dawl.

## 12.4 Stedina u Intervent mill-Kandidat għal-Elezzjoni ta' President Reġjun Għawdex, is-Sur Jesmond Borg

Il-Kandidat Jesmond Borg ma attendiex għal-laqgħa.

## 12.5 Rapport ta' Evalwazzjoni dwar is-sejħa għat-tindif u Manutenzzjoni tal-Latrina Pubblika

12.5.1 Is-Segretarja ppreżentat ir-rapport ta' Evalwazzjoni li juri li kien hemm (3) tlett offerti mitfgħuha, dik mingħand Emanuel Conti, Georgia Schembri u Christian Abela. L-irħas

offerta kienet dik ta' Emanuel Conti, bil-valur ta' (€3250.00) tlett elef, mitejn u ħamsin ewro. L-istess offerta kienet ukoll konformi mar-rekwiżiti kollha mitluba f'din is-sejħa għall-offerti. L-offerti mitfugħa minn Georgia Schembri u Christian Abela ma kienux konformi mar-rekwiziti mitluba f'din is-sejħa. Għalhekk, il-Kunsill qabel unanimament mar-rakkomandazzjoni ta' dan ir-rapport sabiex din l-offerta tingħata lis-Sur Emanuel Konti.

## 12.6 Jum il-Fontana

12.6.1 Beda jitġejja l-programm ta' Jum il-Fontana. Din is-sena l-*band* li ħadet sehem matul l-aħħar snin ma nfurmatx lill-kunsill jekk hux ser juża s-servizz tagħha. Ġie diskuss li *band* tkun qawwija wisq għas-sala tal-Komunita' u ġieli kien hemm ilment matul is-snin. Is-Sindku ssuġġerixxa li nqassmu avviż biex naraw jekk hawnx talent lokali, sabiex naraw jekk ikunx hawn min hu nteressat jieħu sehem, kif ukoll jinstab xi ħadd idoqq vjolin waqt is-serata soċjo-kulturali.

Is-Sindku ippropona li ssir ħarġa ta' nofs ta' nhar f'Għawdex għall-Festa ta' San Dimitri il-Ħadd, 22 ta' Ottubru għall-Għarb u oħra fid-29 ta' Ottubru għal Malta. Is-Sindku ssuġġerixxa li minflok għal *weekend break* f'Malta, mmorru *weekend* fi Sqallija. Is-Sur Mario Mercieca staqsa jekk nistgħux inġibu stima mhux mingħand Mario Spiteri. Is-Sindku qal ma jsib l-ebda problema u għalhekk għandu jinġab mingħand diversi aġenziji. Għalhekk għandna niġbru stimi mingħand l-aġenziji tal-ajru biex immorru mill-15 sas-17 ta' Diċembru. Ikun hemm ukoll ħarġa Malta u oħra Għawdex.

## 12.7 Ċirkulari Numru 26/2017 – Elezzjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli

12.7.1 Is-Segretarja fakkret il-membri li hemm in-nominazzjonijiet miftuħa u l-Elezzjoni se ssir fl-(14) erbatax ta' Ottubru 2017.

## 12.8 Notifikazzjoni tad-Deċizzjoni dwar Applikazzjoni Numru PA/01994/17

12.8.1 Is-Segretarja irreferit għad-deċizzjoni datata 5 ta' Settembru, fejn il-Kunsill ġie notifikat li din il-kamra fi Triq ix-Xlendi ingħatat il-permess sabiex terġa tinbena b'ħafna kundizzjonijiet li qegħdin spjegati tajjeb fid-deċizzjoni moħruga mill-Planning Authority.

## 12.9 Stimi għax-xiri ta' żewġ *internal hard disks* u għax-xiri ta' materjal pprintjat.

12.9.1 Is-Segretarja nfurmat lill-membri li l-pulizija jidhru li se jdumu sabiex ikunu jistgħu ituna l-kompjuters lura. Huma talbuna li nixtru żewġ *internal hard drives* ta' 500GB sabiex jikkupjaw id-data tagħna. Irċevejna tlett stimi sabiex jinxtraw l-*internal hard drives* li qed jiġu ppreżentati lill-membri. Madanakollu, baqgħet il-problema ta' kif ser titwaħħal din l-*internal hard drive*, għaliex dan se jkun hemm il-bżonn li jieħu l-kompjuters sabiex jikkopja d-*data*. Għalhekk se nerġgħu nitkellmu mal-Ispettur mis-Cyber Crime Unit sabiex naraw jekk jaħdimx b'*external hard drive*. Is-Segretarja żiedet tgħid illi l-Avukat tal-Kunsill issottometta kwerela dwar serq ta' żewġ kompjuters u *external hard drive* kontra is-Sur Jimmy Saliba fl-4 ta'Awwissu 2017.

Is-Segretarja nfurmat lill-membri li nġabru l-istimi sabiex jinxtara xi materjal ta' pprintjar bħal *purchase orders*. Il-membri qablu li għandna nixtruhom mingħand min offra l-irħas offerta, dak tal-JDB għal-prezz ta' €45 plus VAT.

## 12.10 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li huma meħtieġa.

Id-Devoluzzjoni ta' Pjazza l-Għejjun

Is-Segretarja spjegat kif mid-data tal-applikazzjoni oriġinali datata 27 ta' Ġunju 2011 l'hawn kienet intalbet li terġa ssir applikazzjoni ġdida. Is-Sindku qal li tneħħiet dik il-parti fejn hemm indikat ix-xelter peress li ma kienx reġistrat mad-dipartiment tal-artijiet, bil-konsegwenza li kien waqaf il-proċess, għalhekk huwa ħejja pjanti ġodda li jindikaw x'qed jiġi mitlub issa. Għalhekk, b'referenza għall-minuti tas-26 ta' Mejju 2008 fejn b'mozzjoni numru 12 tas-Sur Saviour Borg, il-Kunsill kien qabel illi jitlob għad-devoluzzjoni tal-artijiet imsemmija, il-Kunsill illum reġa qabel li għandna nkomplu l-proċess u għalhekk nerġgħu nissotomessu l-applikazzjoni tagħna għall-evalwazzjoni. Dan sabiex il-Kunsill ikun jista jamministra propjeta' pubblika li huma l-Għajn il-Kbira, l-Għajn ta' Bendu, l-Għajn tal-Loġoġ u l-bankini li jinsabu fi Pjazza l-Għejjun.

Ġie mħejji rapport li ġie moqri lill-membri u wkoll ġie approvat mill-membri kollha sabiex jintbagħat lid-Dipartiment tal-Kunsillli Lokali flimkien mal-applikazzjoni.

## 12.11 Ilmenti

Mingħand Grace Cardona – Sabiex jitkompla jinżebagħ l-aħħar biċċa tas-sinjal *yellow line* mit-tarf tas-sinjal *yellow line* li diġa hemm sat-tabella tal-arloġġ. Din it-talba ma ġietx milqugħa.

## 12.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

Il-pagamenti ġew approvati unanimament u ċ-ċedola ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 11.13 Tmiem il-laqgħa u data tas-Seduta li jmiss

Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali intemmet fit-5.30pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn, 30 ta' Ottubru 2017 fil-5.00pm b'aġenda li tkun komunikata aktar 'il quddiem.

**IFFIRMATA** **IFFIRMATA**

**Saviour Borg** **Heidi Grech**
**Sindku** **Segretarju Eżekuttiv**